MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Numru 906/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**
**Isaac Vella**

**Illum 05 ta’ Novembru, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Isaac Vella ta’ 42 sena, iben Angelo u Antonia *nee’* Fenech, imwieled Birkirkara, fit-13 ta’ Novembru, 1961, u residenti 29, Dawret il-Gzejjer, Bugibba, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 25962(M);

Talli fit-3 ta’ Novembru, 2003, ghall-habta tal-11.00a.m., u/jew matul dawn l-ahhar xhur, bhala l-persuna responsabbli ghall-gestjoni tas-Seaview Hotel f’Dawret il-

Gzejjer, Bugibba, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, w li gew maghmulin b'rizolozzjoni wahda, impjegajt, gieghelt u/jew xort'ohra tghajt xoghol li Raisa Belibov, cittadina tar-Repubbikla tal-Moldova, li ma kienetx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-dispozizzjoni tal-art. 32 (1) (b) tat' l-Att 217.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex skond l-Art 370 (4)  tal-Kap 9 il-kaz kontra l-imputat jinstema bi procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati.

Rat l-artikoli 32 (1) (b) Kap 217.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm200.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------